MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Numru. 1105/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs.**

**Anthony Portelli u**

**Mary Claire Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Portelli ta' 36 sena mwieled fit-22 ta' Gunju 1960, l-Ingilterra, bin Guzeppi u Guzeppa nee Grima u residenti f'98 St. Helen Street B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 458660M

U

Mary Claire Portelli ta’ 33 sena mwielda 16 ta’ Lulju 1972, il-Pieta’ bint Karmenu Mallia u Antonia nee Mangion u residenti f’98, St. Helen Steet, B’Kara, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 322572M

1. Billi huma akkuzati talli, f’dawn il-gzejjer, nhar il-11 ta’ Lulju, 2006 u fil-jiem ta’ qabel ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat u cioe’ licenzja tal-vettura numru HAN 591 tal-ghamla Peugeot 106;
2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ghamlu uzu minn vettura numru HAN 591 tal-ghamla Peugeot 106 meta l-istess vettura ma kienitx licenzjata ghas-sena kurrenti.

Il-Qorti giet mitluba li tiskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan lil Anthony Portelli u Mary Claire Portelli ghall-perjodu li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali kienu s-segwenti:

1. L-imputat twaqqaf f’*road block* qed isuq vettura Peugeot, numru tar-registrazzjoni HAN 591.

2. Mal-*windscreen* ta' din il-vettura Peugeot kien hemm imwahhla fotokopja tal-licenzja tal-vettura Mitsubishi L200, li ghandha numru tar-registrazzjoni BBJ394.
3. Irrizulta li l-vettura Peugeot qieghda registrata fuq isem l-imputata, li tigi l-mara tal-imputat, u li l-licenzja taghha kienet skadiet fil-31 t'Awwissu 2002, u kien hemm €1,300 multi fuq din il-vettura.[1] Pero il-vettura kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni.[2]
4. Fl-istqarrija tieghu,[3] l-imputat jghid li huwa kien ghadu kemm xtara vettura Mitsubishi. Is-sid precedenti tal-Mitsubishi kellu din il-licenzja u meta ghamel it-transfer, l-imputat inghata licenzja gdida biex iwahhal fuq il-windscreen tal-Mitsubishi. Ghalhekk il-vettura Mitsubishi kella zewg licenzji tondi. L-imputat qal li *"... ... (M)eta waqfuni l-pulizija kelli wahda mit-tfal tieghi mieghi li jisimha Josephine u ghandha 10 jew 11-il sena. Meta qaluli li din it-tonda ma kienitx tal-karozza, it-tifla qaltli li kienet ghamlitha hi."*
5. Fl-istqarrija l-imputat ammetta li kien jaf li l-licenzja tal-Peugeot kienet ilha ma tithallas, pero qal li hu ma kienx qed isuqha u din kienet go garage.
6. L-imputat qal li huwa mar jigbor it-tifla tieghu mill-Armier, uza l-Peugeot ghaliex ma setghax juza l-vann ghax kellu l-imbarazz. Huwa innega li kien jaf li kellu licenzja hazina mwahhla mal-windscreen tal-karozza u qal li l-karozza jiehdu hsiebha hu u l-mara.
7. Fl-istqarrija taghha,[4] l-imputata qalet li l-kopja tal-licenzja li l-Pulizija sabu imwahhla mal-Peugeot kienet kopja tal-licenzja tal-vettura Misubishi li ghandu r-ragel taghha. Hija qalet li din il-kopja tal-licenzja kien ghamilha d-dealer meta xtraw il-Mitsubishi biex ikunu jistghu isuquh sakemm jaqleb il-licenzja fuqhom. L-imputata qalet li t-tifla l-kbira kienet qed tahsel il-karozza Peugeot u ndunat li ma kellhiex licenzja. Hi marret u gabet l-ohra minn mal-windscreen tal-Mitsubishi peress li ndunat li kellha tnejn.
8. Fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li kienet taf li l-vettura hadha r-ragel u kienet taf li ma setax johrog biha ghax ma kellhiex licenzja, pero ma kinietx taf li kellha il-licenzja hazina mwahhla mal-*windscreen.*
9. Qalet ukoll li hi kienet tiehu hsieb il-karozza u kienet thalliha fil-garage ta' huha biex jekk jinqala' xi haga ta' urgenza tkun tista tehodha. Hija qalet li huma ma kellhomx flus biex ihallsu l-licenzja tal-Peugeot u li l-gurnata ta' qabel uzawha ghax ma setghux juzaw il-Mitsubishi.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

[1] Ara xhieda ta' Christopher Darmanin a fol. 25 tal-process.
[2] Ara r-rapport tal-pulizija ezebit bhal Dok TS a fol. 19 tal-process.
[3] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 21 tal-process.
[4] Ara stqarrija tal-imputata a fol. 22 tal-process.

*Il-Kwistjoni tal-Preskrizzjoni*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputati issolleva l-kwistjoni li l-imputazzjonijiet gew preskritti bit-trepass taz-zmien bejn seduta u ohra, wara l-ewwel darba li l-imputati tressqu l-Qorti.[5]

Issa l-Artikolu 687(2) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż- żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."*

Ghaldaqstant, ladarba l-imputati gew notifikati bic-citazzjoni entro t-terminu tal-preskrizzjoni – haga li l-imputati mhux qed jikkontestaw – l-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni ma tistghax tirnexxi, ghax dan it-terminu huwa issa sospiz.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

*Il-Kwistjoni tal-Istqarrija tal-Imputati*

Fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2012, id-difiza ghamlet is-segwenti verbal: *Dr Michael Sciriha qed jitlob illi a skorta tal-gurisprudenza nostrana, in vista tal-fatt illi l-imputat Anthony Portelli ma kienx inghata l-assistenza legali qabel gie interrogat, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiskarta din l-istqarrija."*[6] Ghalkemm din it-talba saret biss fil-konfront tal-istqarrija tal-imputat, il-Qorti ghal kull buon fini ha tikkonsidra din it-talba fil-konfront tal-imputata wkoll, stante li waqt ix-xhieda taghha, l-imputata qalet li qabel kellmuha il-Pulizija ma inghatax il-possibilita li tkellem avukat.[7]

Fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-*

[5] Ara trattazzjoni tad-Difiza a fol. 79 tal-process.
[6] Ara l-verbal a fol. 62 tal-process.
[7] Ara xhieda tal-imputata a fol. 69 tal-process.

*perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[8]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[9]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[10]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża'*

[8] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[9] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[10] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.

*illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[11], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[12], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[13] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[14]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija fl-2006, l-imputat Anthony Portelli kellu 46 sena u l-imputata kellha 33 sena. Ghalkemm ma rrizultax li l-imputat kellu esperjenza qabel ta' interrogatorju, mill-fedina penali jidher li l-imputata kellha esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija. Pero l-imputati ma kienux minorenni u lanqas ippruvaw li kienu ibatu minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment setghu jkunu intimidati bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Huwa vera li fix-xhieda taghha l-imputata ezebiet kopji ta' certifikati rilaxxati minn psikjatra li jghidu li l-imputat jinsab taht il-kura tieghu. Pero dawn ic-certifikati ma gewx ikkonfermati bil-gurament, inhargu ghas-snin 2010 u 2011 u mhux ghas-sena 2006 meta sar l-interrogatorju, u fix-xhieda li l-imputat ta quddiem il-Qorti, huwa bl-ebda mod ma semma li kien taht kura psikjatrika u/jew li kien f'posizzjoni vulnerabbli ghax kien taht kura psikjatrika meta sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti. Ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputati setghu stqarrew htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputati gew mgharrfa bid-dritt taghhom li jibqghu siekta u ma jwiegbux, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla setghu jaghmluha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrijiet ittiehdu f'Gunju 2006, kien biss fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2012, li l-imputati ssollevaw il-kwistjoni li l-istqarrija taghhom ittiehdet minghajr ma kellhom assistenza legali. Matul dawn is-sitt snin, l-imputati qatt ma fittxew li jiehdu lura l-istqarrijiet

[11] *Per* Imhallef David Scicluna.
[12] *Per* Imhallef David Scicluna.
[13] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[14] *Per* Imhallef Michael Mallia.

taghhom jew li jichdu l-kontenut taghhom. Dan huwa sinjal li l-imputati stess ma kienux qieghdin ihossu illi tqieghdu taht zvantagg ingust bl-istqarrija taghhom li, wara kollox, ghamluha liberament.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2008, gie verbalizzat hekk: *"Id-difiza qed tezenta l-prosekuzzjoni milli ttella' lil-PC68 milli joqghod jikkonferma l-volontarjeta tal-istqarrijiet."*[15] Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[16] irriteniet hekk: *"Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement, in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` ta' l-istqarrija ta' l-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati.

<u>*Il-Meritu*</u>

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skont il-gurisprudenza stabbilita meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[17] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor –*

[15] Ara fol. 12 tal-process.
[16] *Per* Imhallef David Scicluna.
[17] *Per* Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano.

*b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[18]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dak li kull wiehed mill-imputati qal fl-istqarrija u fix-xhieda taghhom fil-konfront tal-imputat l-iehor jew l-ohra.

*L-Ewwel Imputazzjoni – Falsifikazzjoni jew Uzu xjenti minn xi Dokument Falz*

L-ewwel imputazzjoni hija li l-imputati ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument falz, u cioe licenzja tal-vettura numru HAN 591 tal-ghamla Peugeot.

Fl-istqarrija taghhom, kemm l-imputat kif ukoll l-imputata qalu l-licenzja tal-vettura Mitsubishi li l-Pulizija sabu mwahhla mal-vettura Peugeot, kienet kopja tal-licenzja li d-dealer kien tahom sakemm il-Mitsubishi inqalbet fuq isem l-imputat. Fl-istqarrija taghhom, iz-zewg imputati wahhlu fit-tifla taghhom ta' 10 snin li kienet wahlet l-kopja tal-licenzja tal-Mitsubishi mal-windscreen tal-Peugeot.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat qal li hu ma jaf xejn dwar il-photocopy tal-licenzja tal-vann Mitsubishi u kif sabet ruhha mwahhla mal-windscreen tal-vettura Peugeot. Anzi jghid li hu qatt ma ra din il-photocopy b'ghajnejh.[19]

Min-naha l-ohra l-imputata xehdet quddiem din il-Qorti li kienet hi li wahlet il-photocopy tal-licenzja tal-vann Mitsubishi mal-vettura Peugeot, minghajr ma qalet lir-ragel. Dan sar gurnata qabel ir-ragel saq il-vettura. Hi qalet li sabet din il-photocopy fid-dashboard tal-vann. Hi qalet li ghamlet hekk sabiex il-girien ma jibqghux jirrapportaw il-Peugeot lill-Pulizija peress li kellha l-licenzja mhux imhallsa. Hi xehdet li l-photocopy mhux hi ghamlitha u bl-ebda mod ma ghamlet xi tibdil fiha.[20]

---

[18] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**
[19] Ara xhieda tal-imputat a fol. 65-66 tal-process.
[20] Ara xhieda tal-imputata a fol. 70 *et seq.* tal-process.

Il-fotokopja tal-licenzja tal-vann Mitsubishi tinsab ezebita bhala Dok TS3[21] u tidher li hija semplici fotokopja li ma sar l-ebda tibdil fiha.

**Il-Prof. Anthony Mamo** fil-ktieb tieghu **Notes on Criminal Law** jghid hekk fuq it-tema tal-falsita:[22] *"In all crimes of forgery of documents, the material element consists, as we have already said, in the counterfeiting or altering of the document. It is a fundamental rule in this matter that the object of the falsification must be the very writing itself.*

*"Accordingly" – says Kenny (op.cit., p. 298) – "an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not ... ... Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself."*

*Italian writers express the same idea by saying that forgery must be in the "materialita della scrittura", i.e. the public or private writing in its external conditions as a document."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Paul Galea**, deciza fis-17 ta' Ottubru 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[23] irriteniet hekk: *"(I)d-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku kif spjegata mill-awturi giet deskritta b'dan il-mod: "filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (ara Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986) p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p.829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin 'non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero'. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, ecc."*

[21] A fol. 22A tal-process.
[22] Ara fol. 160-161 tal-process.
[23] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

Issa fil-kaz odjern la tezisti falsita materjali ghaliex il-fotokopja tal-licenzja tal-vann Mitsubishi ma gietx alterata, u lanqas tezisti falsita ideologika ghaliex il-fotokopja tghid il-verita dwar il-vann Mitsubishi. Li gara f'dan il-kaz hi li l-fotokopja tqieghdet mal-windscreen tal-Peugeot u allura ovvjament il-kontenut taghha ma jaqbilx mal-verita dwar il-hlas tal-licenjza tal-Peugeot. Pero, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, dan ma jammontax ghal falsifikazzjoni jew uzu ta' dokument falz, ghalkemm il-Qorti ma teskludix li jista' jammonta ghal reat iehor.

Ghaldaqstant, l-imputati se jigu liberati minn din l-ewwel imputazzjoni.

*It-Tieni Imputazzjoni – Uzu ta' Vettura mhux licenzjata ghas-sena kurrenti*

It-tieni imputazzjoni hija li l-imputati ghamlu uzu mill-vettura Peugeot meta ma kienitx licenzjata ghas-sena kurrenti.

Mill-provi jirrizulta li l-vettura Peugeot ma kienitx licenzjata ghas-sena kurrenti u li kien biss l-imputat li ghamel uzu minn din il-vettura.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tillibera lill-imputata minn din l-imputazzjoni.

Ghalhekk tibqa' biss il-kwistjoni jekk l-imputat kienx konxju li l-vettura Peugeot ma kienitx licenzjata meta hu ghamel uzu minnha.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat pprova jaghti x'jifhem li hu ma kienx jaf li l-licenzja tal-Peugeot ma kienitx imhallsa, ghaliex din kienet fuq isem il-mara tieghu, jigifieri fuq isem l-imputata, u kienet hi li tiehu hsiebha. Frankament, il-Qorti ma ssibx ix-xhieda li l-imputat ta quddiemha attendibbli. Mhux verosimili li koppja mizzewwga li jghixu flimkien bhala familja, ma jafux li l-licenzja tal-karozza ta' wiehed jew wahda minnhom mhux qieghda tithallas u dan ghal diversi snin. Tant l-imputat kien jaf x'qed isir mill-Peugeot – kontra dak li ried jaghti x'jifhem – li fix-xhieda tieghu qal li l-vettura kienet koperta bl-assigurazzjoni, u meta l-Ispettur irrimarka li ma kellhiex licenzja, l-imputat kien pront wiegbu *"Imma l-insurance* <u>*hallastielha*</u>*"* (sottolinear ta' din il-Qorti) Dan jista' biss iffisser li l-assikurazzjoni tal-Peugeot kien qed ihallasha l-imputat, u dan meta ftit qabel kien xehed li kienet biss il-mara li tiehu hsieb il-Peugeot.

Ghalhekk, fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti, l-imputat kien jaf li l-licenzja tal-Peugeot ma kienitx imhallsa, meta ghazel li jsuqha. Dan huwa wkoll dak li qal fl-istqarrija tieghu.

Konsegwentement, il-Qorti ser issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aggornata tal-imputat li fiha tlett kundanni minn dawn il-Qrati, pero mhix wahda allarmanti.

Il-Qorti hadet ukoll konsiderazzjoni tal-fatt li fis-seduta tas-6 ta’ Mejju 2011, din il-Qorti kienet laqghet it-talba tad-difiza li ssir *social inquiry report* fil-konfront tal-imputat. Pero kif jirrizulta mir-rikors tal-Probation Officer[24] l-imputat lanqas indenja ruhu jattendi seduta wahda minn sitt seduti. Ghal din ir-raguni, fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2012, il-Qorti irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tas-6 ta’ Mejju 2011.

**Konkluzjoni**

*Fil-konfront tal-Imputat Anthony Portelli*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li ssib lill-imputat Anthony Portelli mhux hati tal-ewwel imputazzjoni, issibu hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn Euro (€200.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ sitt Euro (€6.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Dicembru 2014, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 qieghda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta’ tletin (30) jum.

*Fil-konfront tal-imputata Mary Claire Portelli*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputata Mary Claire Portelli mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u qieghda tilliberaha minnhom.

## < Sentenza Finali >

[24] Ara fol. 57 tal-process.

---------------------------------TMIEM---------------------------------